MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 138/2008

**The General Soft Drinks Co. Limited (C-1591)**

**Vs**

**Alfred Abdilla (I.D. Nru. 488965M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas is-somma ta' elfejn u tnejn u tmenin Euro u disgha u tletin centezmu (€2,082.39) [ekwivalenti ghal Lm893.97] bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, flimkien ma' l-imghax legali dekorribli mis-27 ta' Awissu 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament u l-ispejjez giudizzjarji.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal u b'hekk baqa' kontumaci.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Aldo Saliba[1], Executive Credit Controller mas-socjetà attrici, illi esebixxa estratt mill-harga ta' The Times ta' nhar is-7 ta' Frar 2009[2] minn fejn tirrizulta l-pubblikazzjoni tal-kawza fuq gazzetta lokali ta' kuljum, u ikkonferma li l-ammont ta' €2,082.39 ghadu dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn u tnejn u tmenin Euro u disgha u tletin centezmu (€2,082.39), bl-imghax legali dekoribbli mis-27 ta' Awissu 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2009.
[2] Dok. "AS".